ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 59 IT-TNEJN, 13 TA' MEJJU 2019**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar it-Tnejn, 13 ta'Mejju 2019 fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Jesmond Aquilina – Sindku
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier (6:45p.m.)
Jerome Caruana Cilia – Kunsillier (6:45p.m.)
Renald Falzon – Kunsillier
Josef Aquilina – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Martina Brancaleone – Kunsillier
Daniel Bugeja - Kunsillier
Antoine Saliba Haig – Kunsillier
Robert Reno Cremona – Kunsillier
Mattea Sghendo – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

XEJN

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippresjeda il-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.localgovernment.gov.mt.

**59/01 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 58**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 58 li nżammet nhar it-Tnejn 24 t'April 2019, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Daniel Bugeja ssekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur disa'** Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**59/02 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**59/02/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li ntbagħtet kopja tar-Riforma għall-Gvern Lokali lill-membri kollha u tkun ħaġa tajba jekk dawk il-kandidati li se jikkontestaw l-elezzjoni tal-Kunsill Lokali.

**59/02/02** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li l-Kunsill għadu qed jinsisti mal-Kuntrattur responsabbli mix-xogħlijiet li fadal xi jsiru fi Triq San Bastjan, fejn minkejja l-bosta emails u telefonati li qed jintbagħtu u jsiru lill-kuntrattur, dan lanqas qed jindenja jwieġeb. Is-Sindku Jesmond Aquilina ppropona li jekk il-Kunsill jibqa' ma jkollux risposta, se jkun qed jara t-tender u jiddiskuti mal-Avukat tal-Kunsill, sabiex tinħareġ il-penali skont it-tender.

**59/02/03** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li matul il-weekend inżamm il-Festival Reġjonali tan-Nar, fejn l-Onorevoli Ministru Owen Bonnici nfurma li t-toroq li jagħtu għall-kmamar tan-nar se jsiru mill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku Jesmond Aquilina nfurma li minkejja l-fatt li tressqu l-istimi tax-xogħlijiet lill-Infrastructure Malta iżda għadna mingħajr risposta.

**59/02/04** **Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** staqsa fhiex wasal il-proġett tar-Resurfacing of Rural Roads. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li x-xogħlijiet maġġuri lesti, jonqos xi manutenzjoni mitluba mill-Perit u l-kontijiet iċċertifikati.

**59/02/05** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ppropona li titressaq talba quddiem il-Kumitat Tismija tat-Toroq sabiex t-triq ta' Wied il-Kbir, li għadha

mingħajr isem, tissemma' Triq Baldassare Facciol, Fundatur tal-Kamra tan-Nar San Sebastjan. Il-Kunsill approva b'mod unanimu din il-proposta.

**54/03 Quarterly Financial Report No 1**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Karen Camilleri** poġġiet fuq il-mejda Quarterly Financial Report No 1 għax-xhur 'Jannar –Mar 2019', fejn jidher li l-Kunsill mexa mal-Budget u għamel surplus ta' €90,781.

Is-**Sindku Jesmond Aquilina** talab l-approvazzjoni tal-membri.

Il-**Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** ssekonda.

Il-Quartely Financial Report No 1 ġie approvat b'mod unanimu.

**59/04 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' April 2019.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** ippropona l-approvazzjoni tal-Ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** issekonda.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata unanimament.

**59/05 Korrispondenza**

**59/05/01 Kumitat Festi Esterni – Kunċert Vokali u Strumentali**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li l-Kunsill diġa ta s-somma ta' € 6000 għall-pubblikazzjoni tal-Ktieb, barra minhekk meta saret il-preżentazzjoni tal-Ktieb, il-Kunsill ma ġiex imsejjaħ.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal li l-Kunsill għandu limitu għall-finanzji tal-Kunsill u l-għaqdiet kollha għandhom jibbenefikaw mill-fondi tal-Kunsill.

Għaldaqstant il-Kunsill approva li l-Kunsill jagħti s-somma ta' €1000 lil Kumitat Festi Esterni San Ġorġ**.**

**59/05/02 Talba għal refużjoni minn Resident Triq ix-Xitwa**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li hu m'għandu l-ebda nformazzjoni dwar il-ftehim imsemmi minn dan ir-resident u

għaldaqstant għandha tiġi diskussa mal-Perit tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jekk il-Kunsill jagħti r-refużjoni mitluba, dan l-ammont għandu jitnaqqas mill-kont ta' Rock Cut Ltd, li kien responsabbli għax-xogħlijiet.

**59/05/03 Problema tal-Ilma fi Triq San Pawl**

Is-Sindku Jesmond Aquilina nfurma li qed jistenna mingħand il-Perit tal-Kunsill

**59/06/04 Representation Letter mir-Residenti ta' Triq Tal-Bajjada**

Il-Kunsill iddiskuta l-kontenut tal-ittra ppreżentata u saħaq li m'għandu l-ebda dritt iwaqqaf estensjoni ta' business, qabel li jgħaddi din il-korrispondenza għall-attenzjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

**59/09 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina aġġorna il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 20 ta' Ġunju 2019, fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.20 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Jesmond Aquilina | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti kkonfermati llum 20 ta' Ġunju 2019.**